MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Numru 447/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Eric Calleja u Djonisju Calleja

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzati ta’ karta ta’ identita’ numru 244076(M) u 38162(M) rispettivament, akkuzati talli fis-16 ta’ Mejju 2003 ghal habta tas-7.15am fi Triq Zabbar kantuniera ma’ Triq il-Kbira, Mellieha:
1. volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, storbju u/jew glied – Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;

2. hebbew ghal Anthony Bonello u ikkagunawlu griehi ta’ natura gravi fuq persuntu ai termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap 9;
3. volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwjjeg haddiehor, cioe’ camera tar-ritratti, li tiswa anqas minn mitt lira malting had-dannu ta’ l-istess Anthony Bonello – Artikolu 325(b) tal-Kap 9;
4. ghamlu ingurji jew theddid fil-konfront ta’ Anthony Bonello, Anna Bonello u Grace Bonello – Artikolu 339(l)(e) tal-Kap 9;
Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Anthony Bonello, Anna Bonello u Grace Bonello ai termini tal-Artikolu 383 u 384 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fost l-akkuzi li l-akkuzati qeghdin jinfaccjaw hemm dik tal-ferita gravi li fost l-erba akkuzi diretti kontra taghhom hija l-aktar serja. Fil-konfront taghha l-fatti li taw origini ghaliha jirrisultaw filli l-akkuzati li jiggestixxu negozju ta’ ‘wholesalers’ il-Mellieha f’Triq Znuber juzaw jew kienu juzaw fid-data meta sehh l-incident meritu din il-kawza sabiex jabbu merkanzija destinata ghal konsenji u fejn kienu ukoll ihallu stazjonarji dawn it-trakkijiet. Il-kwerelant joqghod f’din it-triq u adjacenti tabita z-zija tieghu gewwa fond li jinsab fi Triq il-Kbira kantuniera ma’ l-imsemmija Triq Znuber li fiha ghandha bieb jghati ghal fuq din it-triq. Fil-gurnata in kwistjoni jirrisulta li fil-fond taghha kien hemm riha ta’ ‘diesel’ li gie innutat ukoll mill-parti leza. Kien hemm biswit il-bieb truck ipparkeggjat tal-akkuzati jew is-socjeta’ li biha jopperaw in-negozju taghhom u l-kwerelant hawnhekk hass li kellu jiehu ritratt ta’ dak it-truck. Minn hawn svolga l-incident li ta’ lok ghal din il-kawza minnhabba l-feriti li sofra l-kwerelant.

Illi fl-ambitu ta’ dan l-incident m’hemmx dubbju li l-feriti li sofra l-kwerelant gew lilu ikkagunati mill-akkuzati. Mill-provi l-Qorti hi ampjament sodisfatta li l-aggressjoni fuq il-kwerelant da parti tal-akkuzati ipperpetrat ruhha kawza tal-fatt tar-ritratt u f’dan il-kuntest jirrisulta lill-Qorti li l-aggressjoni subita mill-kwerelant kienet ghal kollox gratuwita u nieqsa minn kull sens ta’ gustifikazzjoni. Ftit jew xejn hu rilevanti li kif apparenti f’din l-aggressjoni kien hemm cirkostanzi ohra li ipprecedewh konsistenti f’rapporti lill-Pulizija minhabba dejjem id-dhahen u l-iparkeggjar tat-trakkijiet li kienu qeghdin idejqu lill-akkuzati. Il-versjoni tal-akkuzati ta’ kif svolgiet il-glieda fejn jattribwixxu l-kawza taghha fuq il-kwerelant ghandha mill-inkredibbli u l-Qorti minghajr ebda titubanza issostni l-verzjoni tal-kwerelant mhux biss ghaliex temmen fil-verosimiljanza taghha izda wkoll ghaliex korroborata minn xhieda ohra u di piu’ sorretta minn cirkostanzi li avverraw ruhhom sussegwenti l-aggressjoni taghhom.

Dwar il-feriti gravi dawn jirrisultaw wisq cari mid-deposizzjonijiet tat-tobba u evidenzjati ‘icto oculi’ mir-ritratti esebiti folio 34.  L-akkuza tixlihom b’ferita gravi li “ggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien, izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xogfhol tieghu” – Artikolu 216(1)(d). Fil-kaz odjern ghandu wkoll japplika is-subartikolu (2) fuq l-iskorta tax-xhieda ta’ Mr Zrinzo, konsulent mediku tal-newrokirurgija, dwar li l-offizi subiti mill-kwerelant, senjatament l-hemotoma li sviluppatlu fil-mohh, setghat ikkagunat il-mewt minhabba in-natura jew l-konsegwenzi naturali taghha. Dan seta’ u l-Qorti temmen li kien probabbli li kieku ma sarx l-intevent kirugiku f’waqqtu.

Dwar il-bqija tal-akkuzi, igifieri l-ewwel, it-tielet u raba, l-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel akkuza li hi kontravenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) ma tirrizultax stante li ma jidhirx li l-incident ikkreja imqarr minimu ta’ apprensjoni ghall-inkolumita’ fil-persuni ta’ terzi jew il-proprjeta’ taghhom, l-anqas hi tal-fehma li tirrizulta t-tielet akkuza dwar liema l-provi mhumiex konkludenti. Tirrizulta invece r-raba.

Ikkonsidrat:

Illi fil-kaz in meritu l-piena ghall- feriti gravi hija soggetta ghall-piena ta’ massimu ta’ tlett snin prigunerija. Fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti issostni fuq terminu ta’ priguerija effettiva stante li l-akkuzati urew ruhhom li jaqaw taht dik il-kategorija ta’ nies li jemmnu li bil-forza u l-prepotenza jiehdu dak li jridu.

Ghalhekk wara li rat l-Artikolu 261(1)(d)(2), 339(1)(e), 17(d) tal-Kap 9 tikkundannhom disa xhur prigunerija kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------